MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Numru. 671/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**

**KONTRA**

**JOHN GALEA**

**Il- Qorti;**

Wara li rat l- imputazzjonijiet migjuba kontra;

John Galea ta’ 71 sena, bi Ganni Galea u Maryanne Mercieca, mwieled nhar id- 19 ta’ Jannar 1940 B’ Kara, residenti 154 Mako, Triq Domenico Cachia, B’Kara u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 77440M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) Nhar it- 13 ta' MArzu 2011 ghall- habta tas- 1.30pm gewwa l- Armier limiti tal- Mellieha, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb, b' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 1511 K Tabone, persuna nkarigata skont il- Ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kien qieghed jagixxi ghall- esekuxxjoni tal- Ligi jew ta' ordni moghtija skont il- Ligi minn Aworita' kompetenti;

2) Ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il- persuna ta' wiehed inkarigat skont il- Ligi minn servizz pubbliku, u cioe' fuq il- persuna ta' PC 1511 Kevin Tabone, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is- servizz;

3) Ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji u jew theddid bil- fomm lil PC 1511 Kevin Tabone;

4) Ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il- bor ordni jew il- kwiet tal- pubbliku;

Rat id- dokumenti kollha ezebiti;

Rat l- atti kollha tal- kawza;

Semghet ix- xhieda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l- kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b'mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l- Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

Rat illi l-imputat talab skuza lill-Ufficjali tal-Pulizija ghal dan l-incident;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 96, 95, 339e u 338 dd tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkudnanna erba’ (4) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------